MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 2378/2004

**Fogg Insurance Agencies Ltd. (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union Intrnational Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Carmel Tanti (748248M)**
**Vs**
**Dr.Richard Sladden nominat b'digriet tas-17 ta' Jannar, 2005 bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil Antonio Rotondo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li talbet l-ammont mitlub ta' mitejn u dsatax-il lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm219.31c), liema somma tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Carmel Tanti assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe. u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u erbgha u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm194.31) , is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u

kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25.00) l-istess Carmel Tanti in linea ta’ excess payment, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta’ Awissu, 2003 ghall-habta tal-5.00 pm gewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura proprjeta’ ta’ l-attur Carmel Tanti, bin-numru ta’ registrazzjoni BBA 558 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta’ registrazzjoni CAK 352 liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine li peress li l-konvenut proprju huwa assenti gie eccepit illi l-konvenut nomine mhux edott mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdi l-ecezzjonijiet fi stadju ulterjuri meta jikkomunika mal-assenti Antonio Rotondo.

Il-konvenut nomine eccepixxa ukoll illi kiteb lill-avukat tas-socjeta’ attrici sabiex jinghata kwalsiasi informazzjoni u/jew indirizz tal-istess assenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ PS 1096 Edmond Cuschieri li esebixxa l-iskizz u okkorenza tal-incident li sehh fil-15 ta’ Awissu, 2003 f’San Pawl il-Bahar bejn il-vettura BBA 558 u CAK 352.

Ix-xhud jispjega illi ma kienx hemm skizz peress illi l-incident kien wiehed *“hit and run.* ” Ighid ukoll illi l-konvenut, li kien issa assenti mill-gzejjer Maltin kien qallu li kien laqat lill-assikurat, pero’, ma kienx rah u baqa’ ghaddej. Ix-xhud ighid li kienu sabu lill-konvenut fil-lukanda fejn kien qieghed. Ix-xhud jispjega illi b’referenza ghar-rapport tieghu, l-isem tal-lukanda u l-kamra kienu dawk li kien tah il-konvenut. Ighid li ma kienx ghamel verifika hu stess jekk verament it-Taljan kienx f’dik il-lukanda, pero’, kien kellmu quddiem l-istess lukanda waqt li rah hiereg minn hemmhekk.

Ra x-xhieda ta' Glenn Tanti li jispjega li fil-15 ta' Awissu, 2003 kien involut f'incident bejn il-vettura b'numru ta' registrazzjoni BBA 558, li kien qed isuq, izda li tappartjeni lill-missieru Carmel Tanti mal-vettura numru CAK 352, misjuqa mill-konvenut.

Ix-xhud ighid li kien ipparkja l-karozza fit-triq u mar s'ghand ommu. Rega' hareg u appena dahal fil-karozza, kien lanqas ghadu dahhal ic-cavetta fl-ignition, meta qala' daqqa fuq il-bumper ta' wara, fuq in-naha tal-lemin.

Il-konvenut waqaf xi zewg karozzi 'l isfel, pero' peress li kien strangier ma setghux jiftiehmu, tant li sakemm ix-xhud beda jaghmel xi arrangjamenti, il-konvenut telaq. Kien ghalhek li x-xhud mar l-ghassa u tahom id-dettalji tal-vettura misjuqa mill-konvenut.

Ix-xhud ighid ukoll illi fit-triq fejn sehh l-incident, jistghu jipparkjaw zewg karozzi u jghaddu zewg karreggjati, f'direzzjoni opposta.

Ix-xhud jikkonferma li thallas minghand l-insurance, peress li missieru kien inxurjat "fully comprehensive."

Ix-xhud jispjega illi l-karozza tieghu kienet ipparkegjata kollha mal-bankina u ma kienitx nofsha fuq il-bankina kif qed isostni l-konvenut. Id-daqqa' jghid li qalghha fuq il-genb ta' wara, fuq in-naha tieghu. Ha l-bumper kollu u l-genb.

Ra x-xhieda ta' Carmel Tanti li huwa l-proprjetarju tal-vettura b'numru ta' registrazzjoni BBA 558, li hija inxurjata mal-Fogg Insurance u li kienet involuta f'incident li sehh fil-15 ta' Awissu, 2003.

Ix-xhud jikkonferma li kellu polza ta' assigurazzjoni "fully comprehensive." Jikkonferma ukoll li kull ma hallas kien l-"excess" ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25), il-bqija thallas kollox mill-insurance.

Ix-xhud jikkonferma li l-hsara kienet fil-genb u mal-bumper u li kien issuroga l-assikurazzjoni .

Ra x-xhieda ta’ Alfred Farrugia li jokkupa l-kariga ta’ insurance surveyor mal-Fogg Insurance. Dan ix-xhud ikkonferma s-survey report mhejji minnu fuq inkarigu tal-atturi. Jikkonferma li t-tiswijiet fuq l-vettura saru skond ma kien hemm fis-survey.

Ra x-xhieda ta’ Manfred Borda li tispjega li hi tokkupa l-kariga ta’ manager fil-lukanda Canifor, f’San Pawl il-Bahar. L-istess xhud tghid li ma kienx hemm residenti fil-lukanda certu Antonio Rotondo, taljan li kien suppost kien jokkupa l-kamra numru 419, ghall-habta ta’ Awissu, 2003.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Fill-kaz in ezami, kienet biss is-socjeta attrici li gabet provi, peress li jirrizulta li l-konvenut kien assenti u kellu jigi rrapprezentat mill-kuratur. Il-kuratur stess jikkonferma, kif kien doveruz li jaghmel, li ttenta jikkomunika mal-konvenut, izda inutilment. Per konsegwenza, dan it-Tribunal irid jorbot fuq ix-xhieda prodotta mis-socjeta’ attrici.

Mill-fatti jidher car li s-segwenza tal-eventi graw fis-segwenti mod – is-sewwieq tal-vettura li ggib in-numru ta’ registrazzjoni BBA 558 kien ipparkeggjat, meta kien appena dahal fil-vettura tieghu, wara li hareg minghand ommu, qala’ daqqa mill-konvenut assenti. Il-vettura misjuqa mill-konvenut nomine baqghet miexja ghal tal-anqas distanza ta’ zewg vetturi ohra.

Il-pulizija li xehed jikkonferma li wara li tkellem mal-konvenut nominee, dan kien qallu li kien habat gol-vettura ta’ Glenn Tanti, ma kienx ra u kien baqa’ ghaddej. Dan hu kaz tipiku ta’ “hit and run.” L-istess diskors jinghad minn Glenn Tanti, is-sewwieq tal-vettura li fiha habat il-konvenut nomine.

Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li ghandu jitfa l-piz tad-decizjoni tieghu fuq il-provi migjuba mis-socjeta’ attrici li

jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda, cioe; li l-konvenut nomine huwa responsabbli ghall-incident, mertu tal-vertenza odjerna, ghalkemm f'hin minnhom jidher li hemm dubbju ta' fejn kien qed ighix il-konvenut nomine.

Il-pulizija xehed li id-dettalji kien tahomlu l-konvenut stess, izda r-rapprezentanta tal-Canifor Hotel, fejn allegatment kien qed ighix il-konvenut, tichad li qatt kien hemm resident fil-lukanda bl-isem ta' Antonio Rotondo.

It-Tribunal ihoss li ghandu joqghod fuq ix-xhieda tal-pulizija li l-konvenut kien residenti fil-lukanda Caniform, izda jista' jaghti kaz li ta' indirizz hazin, biex jevita r-responsabbilita', pero' it-Tribunal hu aktar propens li jacetta l-verzjoni tas-socjeta' attrici. In fondo dak li huwa l-aktar rilevanti huwa li l-konvenut huwa identifikat bhala persuna anki jekk ma tezistix informazzjoni aktar dwaru.

Dwar id-danni, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuqhom u ma rrizultax li jista' jkun hemm xi dubbju dwarhom. Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkonferma l-ammonti ta' mitejn u dsatax-il lira Maltin u wiehed u tlettin centezmu (Lm219.31c), liema somma tirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Carmel Tanti assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe. u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u erbgha u disghin lira Maltin u wiehed u tlettin centezmu (Lm194.31c) , is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25.00) l-istess Carmel Tanti in linea ta' excess payment

Ghaldaqstant, it-Tribunal, in vista tas-suespost, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jordna lil-konvenut nomine ihallas l-ammonti ta' mitejn u dsatax-il lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm219.31c), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Carmel Tanti assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe. u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mija u erbgha u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm194.31) , is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira

Maltin (LM25.00) l-istess Carmel Tanti in linea ta' rifuzjoni ta' excess payment.

Bl-ispejjes u l-interessi, kif mitluba kontra l-konvenut nominee..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------